	1a. L-eżistenza ta' riskju ta' ħarba fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li joħloq theddida konkreta, imminenti, ibbażata fuq l-evidenza u serja għas-sigurtà għandha tiġi determinata fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, evalwazzjoni tal-proporzjonalità u biss fuq il-bażi ta' lista eżawrjenti ta' kriterji oġġettivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ir-riskju ta' ħarba ma għandux jiġi awtomatikament preżunt fuq il-bażi tal-imġiba passata taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1791
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Sakemm ma jistgħux jiġu applikati alternattivi għad-detenzjoni skont l-Artikolu 31, l-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz skont din id-Direttiva abbażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ u biss sa fejn id-detenzjoni tkun proporzjonata, meħtieġa u bħala l-aħħar istanza. Il-minorenni qatt ma għandhom jiġu detenuti peress li d-detenzjoni qatt ma tkun miżura proporzjonata fl-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 1792
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn jew it-twettiq tat-tneħħija.	2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn jew it-twettiq tat-tneħħija ***u biss jekk mhumiex applikabbli miżuri alternattivi oħra għad-detenzjoni skont l-Artikolu 31***.

Or. en

Emenda 1793
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn jew it-twettiq tat-tneħħija.	2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn jew it-twettiq tat-tneħħija ***u meta ma jkunx possibbli li jiġu applikati l-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 31***.

Or. en

Emenda 1794
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz	2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz

għall-fini ***tat-tħejjija*** tar-ritorn ***jew it-twettiq*** tat-tneħħija.

għall-fini ***ta' ritorn, inkluż għat-tħejjija*** tar-ritorn, ***ir-riammissjoni, u t-twettiq*** tat-tneħħija.

Or. en

Emenda 1795
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jżommu ***f'detenzjoni biss*** ċittadin ta' pajjiż terz ***għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn*** jew ***it-twettiq tat-tneħħija***.	2. L-Istati Membri jistgħu jżommu ċittadin ta' pajjiż terz ***f'detenzjoni sabiex iħejju r-ritorn*** jew ***jeżegwixxu t-tneħħija***.

Or. en

Emenda 1796
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi detenut biss abbażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet għad-detenzjoni li ġejjin:	***imħassar***
a. jkun hemm riskju ta' ħarba li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 30;	
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija;.	
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskji għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.	
d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-	

identità jew in-nazzjonalità tiegħu;

e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.

Or. en

Emenda 1797
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi detenut ***biss*** abbażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet għad-detenzjoni li ġejjin:	3. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi detenut abbażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet għad-detenzjoni li ġejjin**,** ***mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra previsti fid-dritt nazzjonali***:

Or. fr

Emenda 1798
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. jkun hemm riskju ta' ħarba li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu ***30***;	a. jkun hemm riskju ta' ħarba li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu ***21a***;

Or. en

Emenda 1799
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa. ksur tad-dritt ta' Stat Membru;

Or. en

Emenda 1800
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jevita jew*** ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija;	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ifixkel ***b'mod deliberat*** it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija;

Or. en

Emenda 1801
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jevita jew ifixkel*** it-tħejjija tar-ritorn ***jew il-proċess ta' tneħħija***;	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ostakola b'mod deliberat*** it-tħejjija ***tal-proċedura*** tar-ritorn;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċar kif ċittadin ta' pajjiż terz jista' jevita r-ritorn mingħajr ma jaħrab, li huwa kopert hawn taħt. It-tneħħija tifforma parti mill-proċedura ta' ritorn.

Emenda 1802
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew ***il-proċess ta' tneħħija***;	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jevita jew ifixkel ***ir-riammissjoni,*** it-tħejjija tar-ritorn jew ***it-tneħħija***;

Or. en

Emenda 1803
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***riskji*** għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16;	c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***theddida*** għas-sigurtà ***interna*** f'konformità mal-Artikolu 16;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-Artikolu 16.

Emenda 1804
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***riskji*** għas-sigurtà ***f'konformità mal-Artikolu 16***;	c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***theddida ġenwina u preżenti*** għas-sigurtà ***interna***;

Or. en

Emenda 1805
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-obbligu fuq il-persuna ripatrijata li tipprovdi l-bijometrija skont ir-Regolament Eurodac, l-obbligu fuq il-persuna ripatrijata li tipprovdi d-dokumentazzjoni kollha li tidentifika lilu/lilha u l-fatt li d-dritt tal-Unjoni diġà jipprevedi proċedura ta' skrinjar għall-identifikazzjoni ta' wasliet irregolari, mhuwiex proporzjonat li xi ħadd jiġi detenut biex tiġi vverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu. Se jkunu diġà ttieħdu l-passi xierqa kollha biex tiġi identifikata l-persuna.

Emenda 1806
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1807
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-identità ***jew*** in-nazzjonalità tiegħu;	d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-identità***,*** in-nazzjonalità ***jew l-età*** tiegħu;

Or. en

Emenda 1808
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. fr

Emenda 1809
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. nuqqas ta' kooperazzjoni biex jinkisbu dokumenti tal-ivvjaġġar jew tal-identità;

Or. en

Emenda 1810
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	db. dment li d-detenzjoni tkun tista' tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni effettiva tal-proċedura ta' ritorn;

Or. fr

Emenda 1811
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1812
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. nuqqas ta' konformità ***mal-miżuri ordnati*** skont ***l-Artikolu 31.***	e. in-nuqqas ta' konformità ***mal-obbligi skont il-paragrafu 2, il-punti (a) sa (c), (e), (fa) u (i) sa (ka) tal-Artikolu 21, inkluż in-nuqqas ta' kooperazzjoni fil-kisba tad-dokumenti tal-ivvjaġġar;***

Or. en

Emenda 1813
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.	e. nuqqas ta' konformità***, f'aktar minn okkażjoni waħda,*** mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Detenzjoni immedjata wara istanza waħda ta' nuqqas ta' konformità mhijiex proporzjonata.

Emenda 1814
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.	e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu ***21 u l-Artikolu*** 31.

Or. en

Emenda 1815
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.	e. nuqqas ta' konformità ***intenzjonata*** mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.

Or. en

Emenda 1816
Mary Khan

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.	e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu ***8(3) u*** 31.

Or. en

Emenda 1817
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.	e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31 ***jew 21***.

Or. en

Emenda 1818
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. kwalunkwe fattur rilevanti ieħor li jindika li d-detenzjoni hija meħtieġa biex tiżgura ritorn f'waqtu u effettiv, kif iddeterminat mill-Istati Membri, u f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1819
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. raġunijiet rilevanti oħra relatati mar-ritorn, previsti fid-dritt nazzjonali, biex jiġu żgurati proċeduri ta' ritorn effettivi, li huma meħtieġa u proporzjonati.

Or. en

Emenda 1820
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. li jiġi rritornat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz lejn l-Istat Membru emittenti skont l-Artikolu 9;

Or. en

Emenda 1821
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	eb. kwalunkwe raġuni oħra debitament ġustifikata f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1822
Marieke Ehlers

f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu raġunijiet oħra ta' detenzjoni fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1823
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dawk ir-raġunijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1824
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dawk ir-raġunijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-raġunijiet ta' detenzjoni huma stabbiliti fil-paragrafu 3. Peress li dan huwa Regolament, m'hemmx bżonn li dawn ir-raġunijiet jiġu trasposti fid-dritt nazzjonali.

Emenda 1825
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dawk ir-raġunijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.	4. Dawk ir-raġunijiet ta' detenzjoni għandhom ***bl-istess mod*** jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

Or. fr

Emenda 1826
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Dawk ir-raġunijiet*** ta' detenzjoni ***għandhom jiġu stabbiliti*** fil-liġi nazzjonali.	4. ***Kwalunkwe raġuni*** ta' detenzjoni ***għandha tiġi stabbilita*** fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 1827
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew	5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew

ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi ***notifikata*** liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi ***kkomunikata bil-fomm jew bil-miktub*** liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem***, inkluż bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni jew traduzzjoni***.
	Or. en

Emenda 1828
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem. ***Din id-deċiżjoni tista' ssir bi traduzzjoni awtomatika.***
	Or. en

Emenda 1829
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi ***preżunt*** li jifhem.	5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli***, f'konformità mal-Artikolu 26***. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi ***supponut*** li jifhem.

Or. en

Emenda 1830
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet ***amministrattivi jew*** ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem ***jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem***.	5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem.

Or. en

Emenda 1831
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***oralment jew bil-miktub*** b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

Or. en

Emenda 1832
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet ***amministrattivi jew*** ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

Or. en

Emenda 1833
Marieke Ehlers

f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1834
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1835
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri	***imħassar***

għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu jmur kontra l-ispirtu tar-Regolament, billi fil-prinċipju, hemm probabbiltà kbira li persuna li daħlet b'mod irregolari fit-territorju tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ekonomika u soċjali. Għalhekk il-vulnerabbiltà ma tistax tikkostitwixxi kriterju bl-esklużjoni tal-possibbiltà ta' detenzjoni. Barra minn hekk, jekk id-detenzjoni ssir in-norma aktar milli l-eċċezzjoni, dan jista' jservi wkoll ta' deterrent kontra d-dħul irregolari fit-territorju tal-Unjoni, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni u l-monitoraġġ tac-ċittadini ta' pajjiżi terzi li fir-rigward tagħhom hemm deċiżjoni pendenti.

Emenda 1836
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu ***kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***li tindika li huwa*** persuna vulnerabbli.	6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu ***jekk iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***huwiex*** persuna vulnerabbli.

Or. en

Emenda 1837
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz	6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz

skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu ***kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***li tindika li huwa*** persuna vulnerabbli.	skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu ***jekk iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***huwiex*** persuna vulnerabbli.

Or. en

Emenda 1838
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.	6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli. ***Fejn tiġi stabbilita vulnerabbiltà, japplika l-Artikolu 6a.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-vulnerabbiltà għandha titqies b'mod sinifikattiv.

Emenda 1839
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu ***2***, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata	6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu ***3***, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata

ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.	ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.

Or. en

Emenda 1840
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri jistgħu jordnaw detenzjoni mar-rilaxx mill-ħabs għall-fini ta' proċeduri ta' ritorn meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal ordni ta' tneħħija skont l-Artikolu 12, dment li d-detenzjoni tkun ġustifikata abbażi ta' fatturi ta' riskju rilevanti.

Or. en

Emenda 1841
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw id-detenzjoni meta ċittadin ta' pajjiż terz jiġi identifikat bħala persuna f'sitwazzjoni vulnerabbli f'konformità mal-Artikolu 6.

Or. en

Emenda 1842
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 30	***imħassar***
Riskju ta' ħarba	
1. Hemm riskju ta' ħarba f'każ individwali, sakemm ma jintweriex mod ieħor, meta jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin:	
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun irriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stati Membri oħra, inkluż wara tranżitu minn pajjiż terz, jew jipprova jagħmel dan;	
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jew deċiżjoni ta' infurzar maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż illegalment, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;	
c. nuqqas ta' konformità mal-miżuri skont l-Artikolu 23.	
2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat:	
a. nuqqas ta' residenza, residenza fissa jew indirizz affidabbli;	
b. espressjoni espliċita ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru b'mod ċar l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;	
c. nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-	

ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;

d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k);

e. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punt (l);

f. l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;

g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;

h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.

Or. en

Emenda 1843
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Hemm riskju*** ta' ħarba ***f'każ*** individwali, ***sakemm ma jintweriex mod ieħor, meta jiġi ssodisfat wieħed mill-***	1. ***Ir-riskju*** ta' ħarba ***għandu jiġi determinat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ*** individwali, ***inkluż kwalunkwe***

kriterji li ġejjin:	***vulnerabbiltà***. ***Il-kriterji*** li ġejjin ***biss jistgħu jindikaw riskju ta' ħarba***:

Or. en

Emenda 1844
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Hemm riskju ta' ħarba f'każ individwali, sakemm ma jintweriex mod ieħor, ***meta*** jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin:	1. Hemm riskju ta' ħarba f'każ individwali, sakemm ma jintweriex mod ieħor, ***fejn*** jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin ***rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'soġġorn illegali kkonċernat***:

Or. en

Emenda 1845
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Hemm*** riskju ta' ħarba ***f'każ*** individwali, ***sakemm ma jintweriex mod ieħor, meta jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji*** li ġejjin:	1. ***L-eżistenza ta'*** riskju ta' ħarba ***għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-każ*** individwali, ***fuq il-bażi tal-kriterji*** li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma jistax jiġi preżunt riskju ta' ħarba f'ċertu każijiet u dan għandu dejjem jinvolvi valutazzjoni.

Emenda 1846

Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun irriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stati Membri oħra, inkluż wara tranżitu minn pajjiż terz, jew jipprova jagħmel dan;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun irriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stati Membri oħra ***matul il-proċedura ta' ritorn***, inkluż wara tranżitu minn pajjiż terz, jew jipprova jagħmel dan;

Or. en

Emenda 1847
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun irriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru ***ieħor jew ta' Stati Membri oħra***, inkluż wara tranżitu minn pajjiż terz, jew jipprova jagħmel dan;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ***daħal fi jew*** irriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru, inkluż wara tranżitu minn pajjiż terz, jew jipprova jagħmel dan;

Or. en

Emenda 1848
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun irriloka*** mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stati Membri oħra, inkluż wara tranżitu	a. ***il-persuna ripatrijata tkun irrilokat, f'aktar minn okkażjoni waħda,*** mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stati Membri

minn pajjiż terz***, jew jipprova jagħmel dan***;	oħra, inkluż wara tranżitu minn pajjiż terz;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi r-raġunijiet għaliex ċittadin ta' pajjiż terz jista' jipprova jirriloka bejn Stat Membru ieħor jistgħu jkunu varjati, huwa sproporzjonat li nassumu riskju ta' ħarba bbażat fuq rilokazzjoni waħda lejn Stat Membru ieħor mill-persuna ripatrijata.

Emenda 1849
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni*** ta' ritorn ***jew deċiżjoni ta' infurzar maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż illegalment, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860***;	b. ***il-persuna ripatrijata espliċitament tesprimi l-intenzjoni li ma tikkonformax mal-proċedura*** ta' ritorn;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rilokazzjoni bejn l-Istati Membri hija indirizzata fil-punt a. Fejn persuna ripatrijata espliċitament tindika li ma jkollhiex l-intenzjoni li tikkonforma ma' proċedura ta' ritorn, allura dan huwa fattur biex jiġi ddeterminat ir-riskju ta' ħarba.

Emenda 1850
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun

soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jew deċiżjoni ta' infurzar maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż ***illegalment***, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;	soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jew deċiżjoni ta' infurzar maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż ***b'mod irregolari***, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;

Or. en

Emenda 1851
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn ***jew deċiżjoni ta' infurzar*** maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż illegalment, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż illegalment, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;

Or. en

Emenda 1852
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. Il-persuna ripatrijata ripetutament tonqos milli tikkoopera mal-awtoritajiet tar-ritorn fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21, paragrafu 2;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nuqqas ta' kooperazzjoni ripetut huwa fattur li jiddetermina r-riskju ta' ħarba.

Emenda 1853
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. nuqqas ta' konformità mal-miżuri skont l-Artikolu 23.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet dwar ir-residenza u/jew ir-rappurtar mhux neċessarjament jirrelataw mar-riskju ta' ħarba.

Emenda 1854
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ***nuqqas ta' konformità mal-miżuri skont l-Artikolu*** 23.	c. ***iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jikkonformax ma' waħda jew aktar mill-miżuri imposti f'konformità mal-Artikolu*** 23***, il-paragrafu 1, u mal-Artikolu 21, il-paragrafu 1, jew jesprimi jew juri l-intenzjoni li jagħmel dan;***

Or. en

Emenda 1855
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. nuqqas ta' konformità mal-miżuri skont l-Artikolu 23**.**	c. nuqqas ta' konformità ***serju u ripetut*** mal-miżuri skont l-Artikolu 23***;***

Or. en

Emenda 1856
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. nuqqas ta' konformità serju u ripetut mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;

Or. en

Emenda 1857
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. espressjoni jew intenzjoni espressjoni preżunta ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;

Or. en

Emenda 1858
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' ritorn sad-data sa meta l-persuna ripatrijata għandha titlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;

Or. en

Emenda 1859
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun reġa' daħal fit-territorju tal-Istati Membri bi ksur ta' projbizzjoni fuq id-dħul eżistenti;

Or. en

Emenda 1860
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun reġa' daħal fit-territorju tal-Istati Membri bi ksur ta' projbizzjoni fuq id-dħul valida;

Or. en

Emenda 1861
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;

Or. en

Emenda 1862
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun esprima l-intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-miżuri relatati mar-ritorn applikati permezz ta' dan ir-Regolament, jew ikun ħa azzjonijiet li juru b'mod ċar din l-intenzjoni;

Or. en

Emenda 1863
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

cb. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet objettivi biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punt (l).

Or. en

Emenda 1864
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb. nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;

Or. en

Emenda 1865
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu nuqqas ta' ankraġġ soċjali, b'mod partikolari nuqqas ta' rabtiet familjari, involviment ta' impjieg illegali u mezzi insuffiċjenti ta' sussistenza.

Or. en

Emenda 1866
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;

Or. en

Emenda 1867
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cc. l-użu jew it-tentattiv ta' xiri ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;

Or. en

Emenda 1868
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cc. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ċittadin ta' pajjiż dežinjat bħala pajjiż sikur elenkat fl-Anness II għar-

Or. en

Emenda 1869
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cc. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.

Or. en

Emenda 1870
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cc. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul;

Or. en

Emenda 1871
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cd. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-

Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2);

Or. en

Emenda 1872
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cd. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun naqas milli jikkonforma mal-obbligu li jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri fil-perjodu stabbilit fl-Artikolu 13;

Or. en

Emenda 1873
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ce. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun uża dokumenti foloz jew iffalsifikati, qered jew inkella rema dawn id-dokumenti b'xi mod ieħor, uża psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, ippruvda informazzjoni falza oħra, jew inkella ostakola b'mod frawdolenti l-proċedura ta' ritorn jew ta' riammissjoni;

Or. en

Emenda 1874
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ce. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2);

Or. en

Emenda 1875
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ce. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa meqjus li huwa riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.

Or. en

Emenda 1876
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cf. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod fiżiku;

Or. en

Emenda 1877
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt cg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cg. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul;

Or. en

Emenda 1878
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ch (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ch. nuqqas ta' residenza, residenza fissa jew indirizz affidabbli;

Or. en

Emenda 1879
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ci (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ci. kriterji oħra fejn previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1880
Mary Khan

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat:	***imħassar***
a. nuqqas ta' residenza, residenza fissa jew indirizz affidabbli;	
b. espressjoni espliċita ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru b'mod ċar l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;	
c. nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;	
d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k);	
e. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punt (l);	
f. l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni	

frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;

g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;

h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.

Or. en

Emenda 1881
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat:	***imħassar***
a. nuqqas ta' residenza, residenza fissa jew indirizz affidabbli;	
b. espressjoni espliċita ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru b'mod ċar l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;	
c. nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;	
d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa	

(k);

e. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punt (l);

f. l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;

g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;

h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Uħud mid-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq ġew fużi fil-paragrafu 1. Madankollu, id-dispożizzjoni fil-punt f diġà teżisti fir-rigward tal-obbligu ta' kooperazzjoni. Nuqqas ta' kooperazzjoni kontinwu fil-punt d jista' jwassal għal detenzjoni. Mhuwiex, fih innifsu, evidenza ta' intenzjoni ta' ħarba. Id-dispożizzjoni fil-punt g tista' tkun raġuni għal detenzjoni, iżda din għal darb'oħra ma tistabbilixxix riskju ta' ħarba. Fil-punt h, minħabba d-durata itwal tal-projbizzjonijiet fuq id-dħul kif ukoll l-inċertezza dwar notifiki lil persuni dwar projbizzjonijiet fuq id-dħul, mhuwa ċar xejn kif il-fatt li wieħed jerġa' jidħol fl-UE jistabbilixxi riskju ta' ħarba. Rigward il-punt a, fil-kuntest tal-kriżi dwar l-akkoljenza f'ħafna Stati Membri, huwa sproporzjonat li jiġu kkastigati persuni ripatrijati minħabba li ma jkollhomx indirizz fiss u li jiġi preżunt li dan iwassal għal ħarba.

Emenda 1882
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat:	***imħassar***
a. nuqqas ta' residenza, residenza fissa jew indirizz affidabbli;	
b. espressjoni espliċita ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru b'mod ċar l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;	
c. nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;	
d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k);	
e. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punt (l);	
f. l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;	

g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;

h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.

Or. en

Emenda 1883
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ***ġenerali*** taċ-ċirkostanzi ***speċifiċi*** tal-każ individwali ***u fejn jiġi ssodisfat*** wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ikkonċernat***:	2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ individwali***. Il-valutazzjoni għandha tinkludi*** wieħed mill-kriterji li ġejjin ***jew aktar*** rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***b'soġġorn illegali kkonċernat***:

Or. en

Emenda 1884
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ***ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi*** tal-każ individwali u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat:	2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-każ individwali u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat:

Or. en

Emenda 1885
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. nuqqas ta' residenza, residenza fissa jew indirizz affidabbli;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija għalhekk meqjusa bħala raġuni suffiċjenti għad-detenzjoni. Irrispettivament mill-istatus amministrattiv tagħhom, din m'għandhiex tiġi aċċettata bħala rispons politiku awtomatiku għal persuni mingħajr dar.

Emenda 1886
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. espressjoni espliċita ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru b'mod ċar l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1887
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***espressjoni espliċita ta' intenzjoni ta'*** nuqqas ta' konformità ***ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru b'mod ċar l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;***	b. nuqqas ta' konformità ***mal-obbligu ta' tluq mit-territorju tal-Istati Membri fil-perjodu tat-tluq kif stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1a, il-punt (a) tal-Artikolu 7***

Or. en

Emenda 1888
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. espressjoni ***espliċita*** ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru ***b'mod ċar*** l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;	b. espressjoni ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;

Or. en

Emenda 1889
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ***nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri*** kif stabbilit fl-Artikolu ***13***;	c. ***meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex jitwemmen li ċittadin*** ta' pajjiż terz ***beħsiebu jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni*** kif stabbilit fl-Artikolu ***21, il-paragrafu 2, il-punt (a)***;

Or. en

Emenda 1890
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. ***nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k)***;	d. ***l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni***;

Or. en

Emenda 1891
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), ***il-punti (a) sa (k)***;	d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2);

Or. en

Emenda 1892
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. ***meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punt (l)***;	e. ***in-nuqqas ta' attendenza għal konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni, fejn meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti***;

Or. en

Emenda 1893
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. ***l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza*** oħra ***f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;***	f. ***kriterji*** oħra ***għajr (a) sa (e) fejn previst fid-dritt nazzjonali.***

Or. en

Emenda 1894
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

f. l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;	f. l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, ***ir-rifjut li jiġu ppreżentati l-mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti u l-konvenzjonijiet eventwali tagħhom ta' dekriptaġġ fil-qafas tal-obbligi previsti fl-Artikolu 21,*** l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;

Or. fr

Emenda 1895
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1896
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn ***b'mod vjolenti***;	g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn ***verbalment jew fiżikament***;

Or. en

Emenda 1897
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn ***b'mod vjolenti***;	g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn ***fiżikament***;

Or. en

Emenda 1898
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1899
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1900
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskju ta' ħarba fuq il-bażi ta' fatturi jew evidenza addizzjonali rikonoxxuti skont id-dritt nazzjonali, sa fejn dawn l-elementi jiġġustifikaw din il-konklużjoni u jikkontribwixxu biex jiżguraw l-infurzar effettiv u f'waqtu tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1901
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu, fid-dritt nazzjonali, jistabbilixxu raġunijiet addizzjonali għall-paragrafi 1 u 2.

Or. en

Emenda 1902
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 31	***imħassar***
Alternattivi għad-detenzjoni	
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.	
2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu kwalunkwe waħda mill-miżuri li ġejjin:	
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ta' mhux aktar minn tlett ijiem, abbażi taċ-ċirkostanzi individwali;	
b. l-obbligu li d-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar jiġu kkonsenjati lill-awtoritajiet kompetenti;	
c. l-obbligu ta' residenza f'post iddeżinjat mill-awtoritajiet kompetenti;	
d. depożitu ta' garanzija finanzjarja adegwata;	
e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku, inklużi garanziji u proċeduri previsti skont id-dritt nazzjonali.	
3. Deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara r-raġunijiet rilevanti fil-fatt u fil-liġi.	
4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu notifikati dwar kwalunkwe deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għandhom jiġu infurmati dwar il-konsegwenza tan-nuqqas ta' konformità ma' dik id-deċiżjoni, inkluż skont l-Artikolu 29(3), il-punt (e), u r-rimedji legali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.	
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-	

paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiġu rieżaminati malajr minn awtorità ġudizzjarja fuq applikazzjoni mill-persuna kkonċernata jew ex officio, u mhux aktar tard minn xahrejn.

Or. en

Emenda 1903
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Qabel ma japplikaw id-detenzjoni, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw kif xieraq jekk jistgħux ikunu applikabbli alternattivi għad-detenzjoni. Dawn l-alternattivi għandhom ikunu neċessarji, proporzjonati, ta' durata limitata u jistgħu jiġu applikati biss meta u sakemm tapplika tal-inqas raġuni waħda għad-detenzjoni skont l-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1904
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu***	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali.

30.

Or. en

Emenda 1905
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom jipprevedu*** miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.***	1. ***Fil-każ ta' riskju ta' ħarba kif stabbilit fl-Artikolu 30, il-paragrafi 1 u 2,*** l-Istati Membri ***jistgħu jimponu*** miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1906
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.***	1. ***Mingħajr preġudizzju għall-miżuri imposti skont l-Artikolu 23,*** l-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1907
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom ***jiġu ordnati*** filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati ***mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30***.	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom ***jitqiesu qabel ma tiġi ordnata d-detenzjoni. Għandhom ikunu neċessarji u proporzjonati,*** filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà ***relatata mal-ġeneru, mal-LGBTIQ+, mal-età u mat-trawma***, u jkunu proporzjonati ***mal-objettivi tal-miżura***.

Or. en

Emenda 1908
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom ***jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali*** taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju*** ta' ħarba ***vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30***.	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom ***primarjament jimmiraw li jiżguraw ir-ritorn effettiv u f'waqtu*** taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, filwaqt li jqisu r-riskju*** ta' ħarba ***vvalutat***.

Or. en

Emenda 1909
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom jipprevedu miżuri alternattivi*** għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.***	1. L-Istati Membri ***ma għandhomx jiġu pprevenuti milli jimponu waħda mill-miżuri f'dan ir-Regolament bħala alternattiva*** għad-detenzjoni***. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dawn il-miżuri*** fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1910
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom ***jipprevedu*** miżuri alternattivi għad-detenzjoni ***fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li*** jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.	1. ***Qabel ma jordnaw id-detenzjoni,*** l-Istati Membri għandhom ***iqisu jekk jistgħux jiġu ordnati*** miżuri alternattivi għad-detenzjoni ***minflok ma*** jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà ***skont l-Artikolu 6a***, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-detenzjoni għandha tibqa' miżura tal-aħħar istanza.

Emenda 1911
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni ***fid-dritt*** nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni ***f'konformità mad-dritt*** nazzjonali ***tagħhom***. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.

Or. fr

Emenda 1912
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri ***għandhom*** jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu ***mill-inqas żewġ*** miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri ***jistgħu*** jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.

Or. en

Emenda 1913
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***kwalunkwe waħda*** mill-miżuri li ġejjin:	2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***mill-inqas tnejn*** mill-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 1914
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***kwalunkwe waħda*** mill-miżuri li ġejjin:	2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu waħda mill-miżuri li ġejjin ***jew aktar***:

Or. en

Emenda 1915
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***kwalunkwe waħda*** mill-miżuri li ġejjin:	2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu waħda mill-miżuri li ġejjin ***jew aktar***:

Or. en

Emenda 1916
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***kwalunkwe waħda mill-miżuri*** li ġejjin:	2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***tal-inqas il-miżuri*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 1917
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri ***għandhom jipprevedu*** kwalunkwe waħda mill-miżuri li ġejjin:	2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri ***jistgħu jordnaw*** kwalunkwe waħda mill-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 1918
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***kwalunkwe waħda mill-miżuri*** li ġejjin:	2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu ***l-miżuri*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 1919
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***bi frekwenza ta' mhux aktar minn tlett ijiem, abbażi taċ-ċirkostanzi individwali***;	a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***kuljum***;

Or. en

Emenda 1920
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***bi frekwenza ta' mhux aktar minn tlett ijiem, abbażi taċ-ċirkostanzi individwali***;	a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***kif iddeterminat mid-dritt nazzjonali***;

Or. en

Emenda 1921
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***bi frekwenza ta' mhux aktar minn tlett ijiem,*** abbażi taċ-ċirkostanzi individwali;	a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti abbażi taċ-ċirkostanzi individwali;

Or. fr

Emenda 1922
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ta' mhux aktar minn ***tlett*** ijiem, abbażi taċ-ċirkostanzi individwali;	a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ta' mhux aktar minn ***7*** ijiem, abbażi taċ-ċirkostanzi individwali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-obbligu ta' rappurtar suppost huwa bbażat fuq iċ-ċirkostanzi individwali tal-persuna ripatrijata, mhuwiex proporzjonat li wieħed jinsisti li dan iseħħ tal-inqas kull 3 ijiem.

Emenda 1923
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***bi frekwenza ta' mhux aktar minn tlett ijiem, abbażi taċ-ċirkostanzi individwali***;	a. l-obbligu***, f'konformità mad-dritt nazzjonali,*** li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti;

Or. en

Emenda 1924
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***bi frekwenza ta' mhux aktar minn tlett ijiem, abbażi tać-ċirkostanzi individwali***;	a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti ***f'intervalli regolari u mill-inqas kuljum***;

Or. en

Emenda 1925
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ***ta' mhux aktar minn tlett ijiem***, abbażi tać-ċirkostanzi individwali;	a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ***rağonevoli***, abbażi tać-ċirkostanzi individwali;

Or. en

Emenda 1926
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ***ta' mhux aktar minn tlett ijiem, abbażi tać-ċirkostanzi individwali***;	a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ***kif xieraq skont id-dritt nazzjonali***;

Or. en

Emenda 1927
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa. programmi ta' ġestjoni tal-komunità taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet lokali rilevanti, jew korpi jew organizzazzjonijiet oħra dežinjati;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Linji Gwida tal-EUAA dwar alternattivi għad-detenzjoni.

Emenda 1928
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ab. sponsorizzazzjoni minn ċittadin jew minn resident għal żmien twil;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Linji Gwida tal-EUAA dwar alternattivi għad-detenzjoni.

Emenda 1929
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. l-obbligu li d-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar jiġu kkonsenjati lill-	b. ***meta jkun strettament neċessarju,*** l-obbligu li d-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar jiġu kkonsenjati lill-

awtoritajiet kompetenti;	awtoritajiet kompetenti;

Or. en

Emenda 1930
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. depożitu ta' garanzija finanzjarja ***adegwata***;	d. depożitu ta' garanzija finanzjarja ***raġonevoli u proporzjonata***;

Or. en

Emenda 1931
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. depożitu ta' garanzija finanzjarja ***adegwata***;	d. depożitu ta' garanzija finanzjarja ***sostanzjali***;

Or. en

Emenda 1932
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku, inklużi garanziji u proċeduri previsti skont id-dritt nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1933
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku, inklużi garanziji u proċeduri previsti skont id-dritt nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1934
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku, inklużi garanziji u proċeduri previsti skont id-dritt nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1935
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku, ***inklużi garanziji u proċeduri previsti skont id-dritt nazzjonali.***	e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku,

Or. en

Emenda 1936
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku***, inkluži garanziji u proċeduri previsti skont id-dritt nazzjonali***.	e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku.

Or. en

Emenda 1937
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. riferiment għal servizzi speċjalizzati għal superstiti ta' traffikar, vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, vjolenza sesswali, individwi LGBTIQ+ u familji bit-tfal.

Or. en

Emenda 1938
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. akkomodazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'ċentru, li jippermettilu jitlaq miċ-ċentru biss jekk ikun ġestit ir-riskju li jaħrab.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lista eżawrjenti ta' alternattivi għad-detenzjoni stabbilita fl-Artikolu 31(2) mhijiex suffiċjenti. Għalhekk nipproponi li nespandu l-lista ta' alternattivi għad-detenzjoni billi ninkludi miżuri li jkunu effettivi għall-Istati Membri ta' tranżitu fil-prevenzjoni ta' movimenti sekondarji, pereżempju, il-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi akkomodat f'ċentru u jitħalla jitlaq mill-post biss meta r-riskju ta' ħarba jkun ġestit kif xieraq, jew billi l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà li jistabbilixxu alternattivi oħra fid-dritt nazzjonali.

Emenda 1939
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. restrizzjoni tal-moviment lejn żoni dežinjati jew curfews għal individwi ta' riskju għoli.

Or. en

Emenda 1940
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. obbligu li jiġi kkomunikat, fejn ikun disponibbli, indirizz;

Or. en

Emenda 1941
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. alternattivi oħra fejn previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1942
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. miżuri oħra fejn previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1943
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	eb. sponsorizzazzjoni minn ċittadin jew minn resident għal żmien twil;

Or. en

Emenda 1944
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ec. programmi ta' ġestjoni tal-komunità jew superviżjoni mfassla

apposta;

Or. en

Emenda 1945
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ed. riferiment għal programmi ta' ġestjoni tal-każijiet individwalizzati;

Or. en

Emenda 1946
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ee (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ee. tqegħid f'akkomodazzjoni bbażata fil-komunità;

Or. en

Emenda 1947
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ef (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ef. superviżjoni minn sponsors ibbażati fil-komunità jew minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 1948
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt eg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	eg. rilaxx kondizzjonali fejn dan ikun meħtieġ għall-unità tal-familja;

Or. en

Emenda 1949
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt eh (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	eh. riferiment għal servizzi ta' protezzjoni għal superstiti ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, traffikar jew tortura, tfal mhux akkumpanjati jew persuni bi bżonnijiet speċjali bħala alternattiva għal arranġamenti ta' kustodja.

Or. en

Emenda 1950
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri ma għandhomx jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joħolqu, jew li huma preżunti li raġonevolment joħolqu, theddida għas-

	sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

Or. en

Emenda 1951
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara r-raġunijiet rilevanti fil-fatt u fil-liġi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1952
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara r-raġunijiet rilevanti fil-fatt u fil-liġi.	3. Deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara r-raġunijiet rilevanti fil-fatt u fil-liġi ***u d-durata massima tagħha***. ***L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-miżuri l-inqas intrużivi u effettivi disponibbli. Fil-każ li jiġi deċiż li ma tiġix applikata kwalunkwe waħda minn dawn il-miżuri u li tiġi ordnata d-detenzjoni, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi infurmat bir-raġunijiet fattwali u legali rilevanti bil-miktub.***

Or. en

Emenda 1953
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara r-raġunijiet rilevanti fil-fatt u fil-liġi.	3. Deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara r-raġunijiet rilevanti fil-fatt u fil-liġi ***kif ukoll id-durata massima tal-applikazzjoni tagħhom***. ***L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-miżura l-inqas intrużiva u effettiva disponibbli.***

Or. en

Emenda 1954
Mélissa Camara

